MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2003

Talba Numru. 2286/2002

**Maria Alexia Cacciattolo**

**vs**

**Gerald Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm493,56) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici bhala propjetarja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAA 128 wara l-incident stradali tat-18 ta' Lulju 2002, meta vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS 157 misjuqa mill-konvenut habtet mal-vettura misjuqa mill-attrici u ghal-liema ncident kien jahti unikament l-istess konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsult legali u tal-ittra bonarja datata 1 ta' Awissu 2002 u bl-imghax dekorribbli skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut. Intalbu wkoll l-ispejjes tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-allegat incident sar tort esklussivament tal-attrici u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan principalment minhabba l-fatt li l-attrici habtet fil-vettura tal-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' PS 586 Joseph Brincat, tal-konvenut Gerald Busuttil, tal-attrici Maria Alexia Cacciattolo u ta'' Thomas Busuttil. Ha konjizzjoni tac-cirkostnzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Lulju 2002 fi Triq Anglu Mallia, B'Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAA 128 misjuqa mill-attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS 157 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attrci xehdet li fid-data tal-incident kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni KAA 128 fi Triq Anglu Mallia, liema triq hija "One Way' fis-sens li jghaddu vetturi li jipprocedi biss fid-direzzjoni li kienet qed tipprocedi fiha l-attrici. Hija tghid li malli waslet vicin tal-inkrocju ma' Triq Ignazio Saverio naqset il-velocita', ghalkemm ma kellhiex 'Stop Sign' u rat il-vettura misjuqa mill-konvenut hierga b'certu velocita' minn fuq l-'Istop Sign' li hemm fi Triq Ignazio Saverio Mifsud. L-attrici ssostni li malli raha, l-konvenut zied il-velocita' u prova jaqbizha min-naha ta' quddiem. Huwa laqatha bin-naha tal-lemin tal-vettura tieghu u hadha fuq in-naha taax-xellug tal-vettura taghha, tkaxkar mal-'bumper' u spicca fil-posizzjoni ndikata fl-iskizz.

Illi l-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Ignazio Saverio Mifsud u kien hiereg minn fuq l-‘Istop Sign’ li hemm fi-tarf ta’ din it-triq fl-inkrocju ma Triq Anglu Mallia. Huwa ried jaqsam Triq Anglu Mallia sabiex jibqa’ jipprocedi fi Triq Ignazio Saverio Mifsud. Il-konvenut jghid li huwa waqaf fuq l-‘iStop Sign’, hares fiz-zewg direzzjonijiet u meta ra li ma kienux gejjin vetturi hareg. Malli hareg, sema’ brejk u gie milqut mill-vettura tal-attrici u bbid-daqqa l-vettura tieghu daret .Il-konvenut isostni li huwa kien diga’ qabez aktar minn nofs it-triq meta qala’ d-daqqa. Il-konvenut jghid ukoll li l-vettura tal-attrici raha biss wara l-impatt u meta mistoqsi specifikatament mit-Triibunal qal li meta waqaf fuq l-‘Istop Sign’ huwa kellu vizwali fit-tul mid-direzzjoni minn fwjn kienet gejja l-attrici.

Illi mill-provi jirrrizulta inekwivokabilment li l-incident in kwidtjoni sehh unikament tort tal-konvenut li qabad u hareg minn fuq ‘Stop Sign’ minghajr ma zamm ‘a proper lookout’. Kif diga’ ntqal aktar il-fuq huwa jghid li kellu vizwali fit-tul mid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-attrici u wiehed ghalhekk difficilment jifhem kif huwa seta’ ma rax il-vettura tal-attrici jekk verament esplora t-triq qabel ma ttenta johrog ghal fuq Triq Anglu Mallia. F’dan ir-rigward it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni tal-attrici hija hafna aktar kredibbli fis-sens li huwa ferm plawzibbli li l-konvenut fil-fatt qabad u hareg minn fuq l-‘Istop Sign’ minghajr ma waqaf u minghajr ma zamm ‘a proper lookout’. Irid jinghad li anki li kieku kellha titwemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut fis-sens li huwa kien waqaf fuq l-‘Istop Sign’ qabel ma hareg ghal fuq Triq Anglu Mallia, l-istess konvenut xorta wahda ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident stante li huwa kien hiereg minn fuq ‘Stop Sign’ minn triq sekondarja ghal fuq triq pricipali. Dan ifisser li l-attrici kellha d-dritta u li l-konvenut kellu l-oneru li jesplora t-triq adegwatament qabel ma johrog. Il-fatt li huwa ra l-vettura tal-attrici biss wara l-impatt jindika li huwa naqas milli jaghmel dan.

Illi l-‘quantum’ tad-danni reklamati mill-attrici bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-attrici esibit l-ircevuti in sostenn tat-talba taghha. Inoltre d-danni

reklamati jidher li huma kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident relattiv.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u disghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm493,56), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlaas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwwalment mal-Avviz tat-Talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------